# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**IR-RABA' KLASSI — STORJA (ĠENERALI) — ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem: ______________________________ Klassi: __________________**

**Eżerċizzju 1**

**1.1.1 Liema linja nbniet mill-Ingliżi biex tissaħħaħ id-difiża fin-naħa ta' fuq ta' Malta?**

________________________________________________ **(1)**

**1.1.2 Semmi żewġ fortizzi li nbnew f'din il-linja.**

______________________ ______________________ **(1, 1)**

**1.1.3 Kif kellhom jintużaw dawn il-linji f'każ ta' attakk?**

________________________________________________ **(1)**

**1.2 Semmi żewġ fortizzi li nbnew mill-Ingliżi biex isaħħu d-difiża tal-Port il-Kbir.**

______________________ ______________________ **(1, 1)**

**1.3 Semmi fortizza li nbniet mill-Ingliżi fin-naħa tal-port ta' Marsaxlokk.**

______________________ **(1)**

**1.4.1 Semmi żewġ stili ta' arkitettura ċivili li daħlu f'Malta fi żmien l-Ingliżi.**

______________________ ______________________ **(1, 1)**

**1.4.2 Semmi xi bini li kien influwenzat minn wieħed minn dawn iż-żewġ stili.**

________________________________________________ **(1)**

**(10 marki)**

**Eżerċizzju 2**
**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**22-X-1864**

**Lir-Rev. Kanonku Dun Pawl Pullicino**

**Direttur Prinċipali ta' l-Iskejjel Primarji**

**Sinjur,**

**L-interess li l-Gvernatur Sir John Gaspard le Marchant dejjem wera fl-edukazzjoni lokali jwasslu sabiex, fl-okkażjoni tat-tluq tiegħu minn Malta, jesprimilek is-sodisfazzjoni tiegħu għall-progress li sar matul l-amministrazzjoni tiegħu f'dan il-qasam u għall-istat sodisfaċenti ta' l-iskejjel taħt il-kontroll immedjat tiegħek.**

**Mill-1859 'il quddiem infetħu 19-il skola ġdida – disgħa għall-bniet u għaxra għas-subien. Kien hemm ukoll żieda fl-attendenza ta' kuljum fl-iskejjel. Dan ir-riżultat huwa sinjal ċar taż-żelu u s-suċċess li bih wettaqt dmirek.**

**Wilford Brett**

**Aġent Segretarju Prinċipali tal-Gvern**

**(Mill-Arkivju Nazzjonali Malti CSG/01/le Marchant, Vol. 36 No. 12, 198)**

**2.1.1 Liema dipartiment partikulari tal-Gvern tittratta din l-ittra?**

______________________________ **(1)**

**2.1.2 Min kien id-direttur tiegħu?**

______________________________ **(1)**

**2.2 X'kien l-iskop li għalih inkitbet din l-ittra?**

______________________________ **(2)**

**2.3 Semmi żewġ raġunijiet mill-istess dokument li juru biċ-ċar il-progress li sar fid-dipartiment (imsemmi minnek fid-domanda 2.1.1) bejn l-1859 u l-1864.**

______________________________

______________________________ **(2)**

**2.4 Bejn l-1850 u l-1880, id-Direttur ta' dan id-dipartiment wettaq diversi affarijiet. Semmi tnejn oħra mhux indikati fl-ittra.**

______________ ______________ **(2, 2)**

**2.5 X'effett kellu fuq il-ħajja tal-poplu Malti l-progress li sar fuq dan id-dipartiment?**

______________________________ **(2)**

**2.6 Fil-perijodu li nkitbet l-ittra, it-tfal fl-iskejjel primarji kienu jiġu mgħallma tliet lingwi. Għid liema kienu.**

__________ __________ __________ **(1, 1, 1)**

**2.7 Fl-1878, sar rapport dwar l-iskejjel.**

**2.7.1 Min għamel dan ir-rapport?**

______________________________ **(1)**

**2.7.2 Liema lingwa ried ineħħi mill-iskejjel primarji?**

______________________________ **(1)**

**2.7.3 Għaliex ried jagħmel hekk?**

______________________________ **(1)**

**2.7.4 X'effett kellu dan ir-rapport fuq id-Direttur ta' l-Iskejjel Primarji?**

**________________________________________ (1)**

**(19-il marka)**

**Eżerċizzju 3**

**"Fil-bidu tas-seklu XIX, il-popolazzjoni tal-Belt Valletta kienet tlaħħaq madwar 20,000 ruħ iżda sa l-1860 il-figura kienet telgħet għal 25,000 ruħ. Iżda mill-1861 in-nies bdiet ħierġa mill-Belt u tmur toqgħod fis-subborgi li bdew jiżviluppaw madwarha."**

**(Meħuda minn Brian Blouet, "*The Story of Malta*")**

**3.1 Agħti raġuni waħda għaliex ħafna nies kienu joqogħdu fil-Belt Valletta?**

**________________________________________ (2)**

**3.2 Semmi tliet subborgi li żviluppaw madwar il-Belt Valletta.**

**______________ ______________ ______________ (1, 1, 1)**

**3.3 X'kienet ir-raġuni għaliex dawn is-subborgi żviluppaw viċin il-Belt Valletta?**

**________________________________________ (2)**

**3.4 Subborg viċin il-Belt Valletta seta' jiżviluppa sewwa minħabba mezz ta' transport bil-baħar. Għid:**

**liema kien dan is-subborg. ______________ (1)**

**x'kien dan il-mezz ta' transport bil-baħar. ______________ (1)**

**3.5 X'wassal biex kiber sewwa Raħal il-Ġdid fl-ewwel snin tas-seklu XIX?**

**________________________________________ (2)**

**(11-il marka)**

**Eżerċizzju 4**

**Aqra dan il-paragrafu sewwa u wara wieġeb id-domandi kollha.**

**17 ta' Diċembru 1841**

**Lil Sir Vincent Casolani**

**Kollettur tal-Kera ta' l-Art tal-Gvern**

**Sinjur,**

**Il-Gvernatur talabni ninfurmawh li huwa ħa in konsiderazzjoni dak li ġie inkluż fl-ittra tiegħek tat-12 ta' Diċembru 1841, li l-uċuħ tar-raba' ta' din is-sena huma kważi falliment minħabba n-nixfa kbira tas-soltu li ħakmet il-Gżejjer Maltin, filwaqt li l-uċuħ tas-snin ta' qabel ma kinux abbundanti minħabba n-nuqqas ta' xita.**

**Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi ħżiena li qegħdin jolqtu lill-bdiewa, b'referenza għar-rakkomandazzjonijiet tiegħek, il-gvernatur jawtorizzak li ma tiġborx qbiela (il-kera) ta' sena dovuta mill-bdiewa li jaħdmu r-raba' tal-Gvern mill-15 t'Awissu 1841.**

**(Mill-Arkivju Nazzjonali Malti CSG/04/17, 451)**

**4.1 Liema problema partikulari tittratta din is-silta?**

_______________________________________________ **(1)**

**4.2 Liema kategorija ta' ħaddiema ntlaqtu minn din il-problema?**

_______________________________________________ **(1)**

**4.3 X'miżura ħa l-gvern biex jgħin lil dawn il-ħaddiema?**

_______________________________________________ **(1)**

**4.4 Spjega kif il-poplu Malti ntlaqat ħażin b'din il-problema.**

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2)**

**4.5.1 F'liema parti ta' Malta l-Gvern Ingliż ipprova jagħti spinta lill-biedja fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax?**

____________________ **(1)**

**4.5.2 Semmi żewġ partijiet f'dawn l-inħawi li żviluppaw minħabba din il-miżura.**

____________________ ____________________ **(1, 1)**

**(8 marki)**

**Eżerċizzju 5**

**Ħares sew lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**



**5.1 Din l-istampa għandha rabta ma' episodju ikrah fl-istorja ta' Malta li seħħ fil-Belt Valletta fl-1919. Liema kien dan l-episodju?**

____________________ **(1)**

**5.2 Semmi żewġ raġunijiet li wasslu għal dan l-episodju.**

____________________ **(2)**

____________________ **(2)**

**5.3 Għid għaliex dan l-episodju kien traġiku.**

_______________________________________________ **(2)**

**5.4.1 Wara dan l-episodju l-Ingliżi tawna kostituzzjoni ġdida. Liema kienet?**

____________________ **(1)**

5.4.2 Liema żvilupp importanti kien hemm fiha?

______________________________________________ (2)

5.5 Din il-kostituzzjoni kellha twassal biż-żmien għal żewġ avvenimenti importanti fl-istorja li seħħew fl-1964 u fl-1974. Għid liema kienu.

____________________ ____________________ (1, 1)

(12-il marka)

Eżerċizzju 6



Ħaddiema tfal fil–fabbriki

6.1 F'liema rivoluzzjoni tfakkarna din l-istampa?

____________________ (1)

6.2.1 F'liema pajjiż bdiet din ir-rivoluzzjoni fis-seklu XVIII (18)?

____________________ (1)

6.2.2 Agħti żewġ raġunijiet għaliex bdiet hemmhekk.

____________________ (1)

____________________ (1)

6.3 Semmi żewġ pajjiżi oħra fejn din ir-Rivoluzzjoni xterdet malajr.

____________________ (1)

____________________ (1)

6.4 F'din l-istampa jidhru numru ta' ħaddiema. Semmi raġuni waħda għaliex bosta ħaddiema ma kinux kuntenti b'din ir-Rivoluzzjoni.

______________________________________________ (2)

(8 marki)

Eżerċizzju 7

7.1 Liema kienu d-dittaturi li kienu jmexxu l-Ġermanja u l-Italja li wasslu għall-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija?

____________________ ____________________ (1, 1)

7.2 X'kien jissejjaħ il-grupp ta' pajjiżi li matul it-Tieni Gwerra Dinjija rreżistew dawn id-dittaturi?

____________________ (1)

7.3 **Semmi raġuni waħda għaliex il-Ġermanja tilfet il-gwerra.**

_____________________________________________________________ **(2)**

7.4 **Spjega għaliex Malta sabet ruħha fl-eqqel tal-gwerra, mingħajr ma kellha bżonn tiddikjara gwerra.**

_____________________________________________________________ **(2)**

7.5 **Għid għaliex Malta ġiet attakkata bl-ikrah mill-Ġermaniżi u t-Taljani matul it-Tieni Gwerra Dinjija.**

_____________________________________________________________ **(2)**

7.6 **Semmi żewġ problemi li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin matul il-gwerra.**

______________________________ ______________________________ **(1, 1)**

7.7 **Semmi effett wieħed tal-gwerra fuq l-Ewropa.**

_____________________________________________________________ **(1)**

**(12-il marka)**

**Eżerċizzju 8**

**Ikteb fit-tul komponiment fuq wieħed minn dawn li ġejjin:**

8.1 **X'kienu l-kawżi u l-effetti ta' l-emigrazzjoni fis-sekli XIX u XX?**

8.2 **X'tibdil sar fil-mezzi tat-trasport bl-art u bil-baħar matul dawn l-aħħar 150 sena?**

8.3 **X'kienet eżatt l-'Ekonomija ta' Fortizza'?**

**X'wassal biex din spiċċat?**

**Iddeskrivi l-proċess tal-bini ta' l-istruttura ekonomika ġdida li għandna llum.**

8.4 **X'kienu l-effetti fuq il-Maltin matul u wara t-Tieni Gwerra Dinjija?**

**(20 marka)**